**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Yahya Bagayoga**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Yahya Bagayoga ta' 18 sena, mill-Mali, iben Minkala u Melado, imwieled Faraba Kayes-Mali, nhar l-01 ta' Jannar, 2003, residenti gewwa Hal-Far open centre u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19II-157.

Akkuzat talli fl- 14 ta' Mejju, 2021 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

Uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Mingħajr awtorità leġittima uża jew kelluu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolui 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Yahya Bagayoga** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah seba (7) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**